Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Mary Azzopardi

vs

Montebello Artworks Ltd (C 5329)

CCT 25/23/CC

Illum 20 ta' Mejju, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrenti ipprezentata fl-14 ta' Frar 2023, fejn talbu hlas ta' l-ammont ta' €900 (disa' mitt ewro) rapprezentanti spejjez rimedjali sabiex ritratt li twahhal fuq l-irhama ta' qabar jerga jitwahhal mar-ritratti l-ohra fuq qoxra li trid tinhadem gdida, u titwahhal fuq il-lapida.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma pprezentatx risposta, u ghalhekk giet dikjarata fi stat ta' kontumacja.

Ra li tramite rikors datat 1 ta' Awissu 2023 is-socjeta intimata talbet lit-Tribunal jissana l-istat ta' kontumacja u tigi awtorizzata tipprezenta risposta ghat-talba avvanzata f'dawn il-proceduri.

Ra li permezz ta' digriet datat 12 ta' Settembru 2023 ll-istat ta' kontumacja tas-socjeta intimata gie ssanat, u sussegwentement giet ipprezentata risposta.

Ra li s-socjeta intimata intavolat risposta fejn avvanzat l-eccezzjonijiet taghha;

Ra li s-socjeta intimata avvanzat eccezzjoni ta' natura preliminari, li giet deciza ai termini ta' sentenza datata 19 ta' Novembru 2024;

Ra li in segwitu ghas-sentenza preliminari dawn il-proceduri thallew ghal provi fil-mertu;

Ra li entrambi l-partijiet ipproducew il-provi taghhom fil-mertu;

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-attrici avvanzat din it-talba ghal ammont ta' €900 (disa mitt ewro) rapprezentanti spejjez rimedjali sabiex ritratt li twahhal fuq l-irhama ta' qabar jerga jitwahhal mar-ritratti l-ohra fuq qoxra li trid tinhadem gdida, u titwahhal fuq il-lapida. Mill-provi jirrizulta li l-ammont reklamat huwa medja ta' tlett ammonti ta' stimi li l-attrici gabet minghand terzi, li jaghmlu l-istess xoghol tas-socjeta intimata. Jirrizulta li t-tlett stimi tat-terzi gew prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, izda tali stimi ma humiex ikkonfermati bil-gurament mill-persuni li rrilaxxawhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-perm ta' l-ilment li wassal ghat-tilwima odjerna, huwa l-fatt li Carmel Azzopardi, li huwa hu d-defunt ragel ta' l-attrici, ma giex infurmat precedentement li sar ix-xoghol fuq l-lapida. Dan il-punt huwa kkontestat mis-socjeta intimata, u Reuben Montebello in rapprezentanza tas-socjeta intimata jsostni li huwa ma kellu l-ebda struzzjonijiet li jinforma lil xi persuna qabel jigi ezegwit ix-xoghol, peress li struzzjonijiet simili jinkitbu fuq l-ordni. L-ordni ta'l-attrici ma kellha l-ebda struzzjonijiet miktuba.

Illi gie rilevat il-punt li fuq l-ordni gie miktub in-numru telefoniku ta' Carmel Azzopardi, u l-attrici tissotolinea dan il-fatt bhala konferma li tali numru kien proprju jinsab fuq l-ordni sabiex tigi kkuntatjat Carmel Azzopardi qabel isir ix-xoghol. Madankollu Reuben Montebello in rapprezentanza tas-socjeta intimata jispjega li dan in-numru gie miktub wara li kien sar ix-xoghol u gie avvanzat l-ilment.

Illi t-Tribunal jinnota li kif rinfaccjata bl-ilment ta' l-attrici, s-socjeta intimata ghamlet tentattiv ghal possibli arrangament bonarju, izda dan ma irnexxiex u l-attrici pprocediet b'din il-kawza.

Illi t-Tribunal, minn evalwazzjoni tal-provi dokumentarji u xhieda *viva voce* prodotti quddiemu, hija l-fehma kunsiderata li l-versjoni avvanzata mis-socjeta intimata hija kredibbli. Inoltre, jigi rilevat li s-socjeta intimata in *bouna fede* offriet soluzzjoni lil attrici, izda lanqas inghatat ic-cans li tali soluzzjoni possibilment tigi diskussa bejn il-partijiet. Di piu, u minghajr pregudizzju ghal dak sottomess, it-Tribunal jinnota ulterjorment li l-ammont reklamat mill-attrici ma giex ippruvat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mis-socjeta intimata u jichad it-talba kif avvanzata mill-attrici.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jithallsu mill-attrici.

C. Cherrett.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru